SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ

It-tieni ċiklu

Daniel Sultana

# IL-KOMPENSAZZJONI OKKULTA

Każ Morali ppreżentat bħala parti
mill-kors tat-Teoloġija Morali:
Id-Dritt u l-Ġustizzja

**Rabat – Għawdex**
**Novembru 2012**

# Werrej

Każ 2

Introduzzjoni 3

1. Is-Serq 4

2. Il-Kompensazzjoni Okkulta 6

3. Il-Kuntratt tax-Xogħol u l-Paga Ġusta 8

Konklużjoni 11

Biblijografija 12

1.

# Każ

Ġużeppi jaħdam ma' kuntrattur tal-bini; u meta beda jaħdem miegħu, kien għamel *agreement* dwar is-salarju tiegħu, li kellu jkun il-paga minima. Għadda ż-żmien u Ġużeppi jaħdem ħafna u bil-għaqal, imma l-kuntrattur baqa' jħallsu bil-paga minima. Billi Ġużeppi jagħmel *part-time* biex ikollu flus għall-ħtiġijiet tal-familja tiegħu, hu japprofitta ruħu mill-materjal tal-kuntrattur.

Meta Ġużeppi kellem lil Dun Titu qallu li hu għandu dritt jitħallas minn taħt (*occult compensation*). Dun Titu qallu li inġustizzja ma tissewwiex b'inġustizzja oħra.

X'inhu s-serq? X'tgħid il-Knisja dwar il-kompensazzjoni okkulta?

# Introduzzjoni

Wieħed mid-drittijiet ta' kull ħaddiem, kif insibu fit-tagħlim soċjali tal-Knisja, huwa li dan ikollu remunerazzjoni ġusta għax-xogħol li jkun għamel.[1] Huwa fuq dan il-prinċipju li jitfassal il-kuntratt tax-xogħol: "Il-kuntratt ta' servizz jobbliga lil parti biex twettaq tajjeb is-servizz stipulat u lill-parti l-oħra biex tħallas ir-rikumpens ġust li jiġi miftiehem."[2]

Fil-każ tagħna, huwa allegat li għall-inqas parti minn dan il-kuntratt mhux qed tiġi mħarsa; jiġifieri, il-paga li qed jirċievi l-ħaddiem mhix waħda li tikkorrispondi max-xogħol li hu kien u għadu jagħmel – fi kliem ieħor, ir-rikumpens mhux wieħed ġust. Skont il-każ, il-ħaddiem qed iħossu moralment intitulat li jitħallas hu b'idejh u minn taħt biex hekk isewwi l-inġustizzja li qed issirlu; anke jekk dan l-istess fatt għandu l-apparenza kollha ta' serq u jagħmlu ħati f'għajnejn il-liġi ċivili.

Sabiex ikun possibbli li nwieġbu għal każ bħal dan, wieħed irid jiżen diversi fatturi. L-ewwel nett naraw x'inhu s-serq; wara ser ngħidu x'inhu t-tagħlim tal-Knisja dwar il-kompensazzjoni minn taħt u meta din hija moralment possibbli. Peress li l-inġustizzja li qed nikkunsidraw fil-każ tagħna hija waħda marbuta mal-paga ġusta, irridu nistudjaw ukoll l-elementi li jagħmlu mill-paga waħda ġusta.

[1] Ara ĠWANNI PAWLU II, Ittra Enċiklika *Laborem Exercens* (1981), 19 : http://www.vatican.va: "The key problem of social ethics in this case is that of *just remuneration* for work done. In the context of the present there is no more important way for securing a just relationship between the worker and the employer than that constituted by remuneration for work."

[2] BERNARD HÄRING, *The Law of Christ*, III/Special moral theology, Cork 1963, 461: "The service contract obliges the one party to render the stipulated service conscientiously and the other party to pay the just recompense agreed upon."

# 1
# Is-Serq

### *1.1 Definizzjoni*

Kemm-il darba, l-Iskrittura Mqaddsa ssemmi d-dnub tas-serq. Is-serq huwa fost l-offiżi msemmija fid-Dekalogu, kemm fil-kmandament "La tisraqx" (*Eż* 20,15; *Dewt* 5,19), kif ukoll fl-għaxar kmandament li jipprojbixxi li wieħed jixtieq il-ġid ta' għajru (*Eż* 20,17; *Dewt* 5,21). Fil-Vanġeli, Ġesù jikkonferma dan il-kmandament (*Mt* 19,18; *Mk* 7,20s), waqt li San Pawl iqiegħed is-serq fost id-dnubiet li jeskludu mis-Saltna ta' Alla (*1Kor* 6,10).

Is-serq huwa definit bħala *l-att li bih wieħed jagħmel tiegħu l-ġid li hu ta' ħaddieħor meta m'għandux dritt għalih, u kontra r-rieda raġonevoli tas-sid.* Dan jista' jsir b'mod sigriet jew le, kif ukoll bl-użu tal-forza jew le. Meta hemm l-użu tal-forza, il-gravità tal-att hija għola.[3]

### *1.2 Tipi differenti ta' serq*

Nistgħu naqsmu s-serq fi tliet tipi: l-ewwel hemm is-*serq sempliċi*, jiġifieri meta wieħed jieħu dak li hu ta' ħaddieħor b'mod sigriet; it-tieni hemm is-*serq fil-miftuħ*, jiġifieri meta wieħed jieħu dak li mhux tiegħu billi jagħmel inġustizzja personali kontra s-sid tal-ġid misruq; u fl-aħħar hemm is-*sagrileġġ*, jiġifieri meta hemm serq ta' oġġetti sagri jew serq li jsir f'postijiet sagri. Taħt ċerti aspetti, li ċċaħħad lill-ħaddiem minn paga ġusta taqa' taħt it-tieni kategorija ta' serq.[4]

Is-serq huwa *ex genere suo* għemil hazin moralment gravi, u dan għaliex is-serq ma jmurx biss kontra l-ġustizzja kommutattiva imma wkoll kontra l-ġustizzja soċjali (billi dan inaqqas is-sigurtà fil-pajjiż u s-serħan il-moħħ tal-individwi, iġiegħel

[3] Ara Ibid., 478. Ara wkoll KARL H. PESCHKE, *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, II/Special Moral Theology, Bangalore [4]2004, 742.
[4] BERNARD HÄRING, 478.

lill-Istat iżid l-infurzar tal-liġijiet, u l-bqija).[5] Il-gravità tal-materja tista tkun assoluta gravi għal kulħadd jew relativa gravi skont l-individwi. Madanakollu, meta wieħed jiġġudika l-gravità tas-serq, hu jrid jikkunsidra diversi aspetti, fosthom, il-kwantità, il-ħsara lill-proxxmu, il-ħsara lis-soċjetà u anke l-motivazzjoni.[6]

Dwar dan Enrico Chiavacci jgħid[7] li fil-morali tradizzjoni l-ħażen tas-serq huwa doppju: hemm l-arrikkiment propju li wiehed ser jakkwista xi haga u l-ħsara fuq l-ieħor. Il-ħażen speċifiku fis-serq, aktar mill-ħsara fuq ħaddieħor (li tista' ssir b'modi oħra li mhumiex serq); huwa r-rebgħa u x-xewqa għall-ġid, li jkunu tant qawwija li biex jiġu sodisfatti wieħed ifieri d-dritt ta' ħaddieħor. Id-differenza li hemm bejn is-serq u kull tip ieħor ta' vjolazzjoni tad-drittijiet ta' ħaddieħor hija t-tfittxija, b'min jisraq, li jistgħana aktar.

[5] Ibid.
[6] Ibid., 480.
[7] ENRICO CHIAVACCI, *Teologia Morale*, III(1)/Teologia morale e vita economica, Assisi [2]1985, 205.

# 2
# Il-Kompensazzjoni Okkulta

## 2.1 Definizzjoni

Il-kompensazzjoni okkulta hija l-għemil li bih *wieħed jieħu bil-moħbi dak li suppost ingħatalu.*[8]

Normalment, dan m'għandux isir qabel ma wieħed ikun għamel minn kollox biex jissodisfa d-dritt tiegħu b'metodi oħra. Jekk hemm xi dejn li mhux qed jiġi mħallas, wieħed għandu jappella għal-liġi ċivili billi hija l-funzjoni ta' din il-liġi li tiddefendi liċ-ċittadini mill-inġustizzji. Madanakollu, hemm sitwazzjonijiet li fihom huwa leċitu li, f'dan il-qasam, u taħt ċerti kundizzjonijiet, xi ħadd jieħu l-liġi b'idejh.

## 2.2 Kundizzjonijiet

Il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw il-kompensazzjoni okkulta huma dawn:[9]

*i. Irid ikun hemm dritt żgur u strett*

Jekk id-dritt huwa dubjuż, jew huwa dritt tal-imħabba u mhux tal-ġustizzja, wieħed ma jistax jirrikorri għall-kompensazzjoni okkulta. Kemm Karl Peschke kif ukoll Bernard Häring jagħtu xi eżempji ta' meta hemm dan id-dritt żgur: jekk paga miftehma ma tiġix imħallsa, jew isir xogħol iżjed mingħajr żieda fil-ħlas, jew meta xi ħadd kien sfurzat mill-bżonn jew mill-biża' biex jaċċetta b'kuntratt paga li mhix ġusta. Bil-kontra, allura, ma jkunx hemm dritt għall-kompensazzjoni okkulta meta xi ħadd ikun sempliċiment ġie mwiegħed xi għotja frott il-gratitudni, jew meta wieħed jagħmel aktar xogħol minn dak li hu miftiehem b'mod volontarju.

*ii. L-impossibilità li ssir ġustizzja b'mod ieħor*

[8] Ara BERNARD HÄRING, 474. Ara wkoll KARL H. PESCHKE, 756.
[9] Ara Ibid.

Wieħed għandu jirrikorri għall-kompensazzjoni okkulta meta jkun hemm impossibiltà jew inkonvenjent kbir li huwa jakkwista ġustizzja b'metodi oħra. Jekk xi ħadd ma jħarisx din il-kundizzjoni, waqt li jkun qed jikser il-ġustizzja legali, ma jkunx qed imur kontra l-ġustizzja kommutattiva.

iii. *Il-ħtieġa reali għall-ħaġa*

Min jieħu minn taħt dak li għandu dritt għalih, irid ikollu wkoll il-ħtieġa preżenti u reali ta' dak li huwa jieħu. Fi kliem ieħor ngħidu li wieħed li jirrikorri għall-kompensazzjoni okkulta ma jistax ikun immotivat mir-rebgħa jew mix-xewqa għall-akkumulazzjoni tal-ġid, imma mill-bżonn ta' dak il-ġid li għandu jkun tiegħu bi dritt.

iv. *Ma ssirx ħsara fuq l-oħrajn*

Din il-ħsara tista' tkun ta' diversi tipi. Bħala eżempju nsemmu li wieħed ma jistax jitħallas b kompensazzjoni okkulta meta jkun jaf li x'aktarx is-sid tal-oġġett se jissuspetta li ġie misruq minn xi ħadd iehor. Bl-istess mod, l-anqas tista' ssir ħsara fuq dak stess li għandu d-'dejn', billi, ngħidu aħna, titteħidlu xi ħaġa meħtieġa biex hu stess jaqla' l-għixien tiegħu, jew billi jkun hemm rikors għall-kompensazzjoni okkulta meta jkun ċar li l-ħlas ma sarx għax sinċerament m'għandux minn fejn iħallas.

Hawn insemmu wkoll li, jekk wara li xi ħadd jikkumpensa ruħu bil-moħbi, jiġi mħallas, dan għandu d-dmir li b'xi mod irodd lura dak li jkun ħa doppjament.

v. *Il-vantaġġ huwa akbar mill-iżvantaġġi*

L-iżvantaġġi jistgħu jkunu diversi, fosthom insemmu t-telfien tal-paċi interjuri jew tal-istima mingħand l-oħrajn. Hawn ta' min isemmi d-dmir li għandu min jirrikorri għall-kompensazzjoni okkulta li jevita l-iskandlu.

### *2.3 L-ordni morali u l-liġi ċivili*

Kif diġà semmejna fil-qosor, li wieħed jieħu b'idejh il-liġi huwa *per se* pprojbit mill-ġustizzja legali, ladarba l-Istat jeżisti propju biex jippromovi l-ġustizzja. Minkejja dan, jista' jkun hemm każi li fihom ir-rikors għal-liġi huwa possibbli biss b'diffikultajiet kbar, bħalma jistgħu jkunu ir-riskju li titlef ix-xogħol jew il-pożizzjoni fix-xogħol, ir-riskju li tiġi mibgħud, jew ir-riskju tat-tpattija.

L-effett mixtieq u l-għan tal-kompensazzjoni okkulta huwa li jitwaqqaf ħażen li qed isir, u għalhekk, il-kompensazzjoni okkulta hija bbażata fuq id-dritt li wieħed jiddefendi lilu nnifsu. Madanakollu jibqa' żgur li xi ħadd li jagħmel dan mingħajr sanzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi jkun qed jirriskja li jitqies ħati ta' serq quddiem il-liġi, kemm meta m'għandux provi biżżejjed li jixdhu għad-'dejn' li kien hemm, kif ukoll minħabba l-istess metodu wżat.

Irridu ngħidu li dawn il-każijiet għandhom ikunu kkunsidrati bi prudenza kbira, u għalhekk huwa ta' għajnuna kbira l-parir mingħand terza persuna li hija prudenti u diżinteressata. Jibqa' l-fatt li l-kompensazzjoni okkulta, waqt li ma tmurx

kontra l-ġustizzja kommutattiva, minn barra tidher li għandha l-karatteristiċi kollha tal-ksur tal-liġi (serq).

# 3
# Il-Kuntratt tax-Xogħol u l-Paga Ġusta

### *3.1 Il-kuntratt tax-xogħol*

Kif issemma' fl-introduzzjoni, il-kuntratt tax-xogħol jobbliga lill-ħaddiem biex iwettaq b'mod tajjeb is-servizz tiegħu, u lil min iħaddmu biex iħallsu b'paga ġusta li tiġi miftiehma. Jekk ir-remunerazzjoni li tissemma' fil-kuntratt mhix waħda ġusta u, m'hemm l-ebda obbligu li titgħolla fuq il-bażi tal-kuntratt innifsu, l-virtù tal-ġustizzja titlob li il-hlas kellu jiżdied b'mod proporzjonat max-xogħol.

Il-kuntratt tax-xogħol hu wieħed li jmur lil hinn minn sempliċi kuntratt ta' bejgħ jew tpartit ta' oġġetti, imma huwa wieħed li jwaqqaf relazzjoni personali bejn il-ħaddiem u min iħaddmu. Għaldaqstant, l-obbligi morali li l-partijiet għandhom lejn xulxin huma wiesgħa – min iħaddem irid iħares lill-ħaddiema kontra kull perikli, waqt li l-ħaddiem irid jirrispetta u jkun fidil lejn min qed iħaddmu. Barra minn dan, il-ħaddiem irid jagħmel ix-xogħol jew is-servizz li hu ekwivalenti għall-ħlas li qed jirċievi; waqt li min iħaddem ma jistax jitlob lill-ħaddiem jagħmel xogħol li jiżboq il-kapaċitajiet tiegħu u jrid iħallsu paga ġusta.[10]

### *3.2 Il-paga ġusta*

Meta tfaċċat l-ekonomija kapitalista, fil-manwali tal-morali kattolika bdiet tiġi trattata l-problema tal-paga ġusta. Għall-bidu kien sempliċiment jiġi applikat il-prinċipju tal-ġustizzja kommutattiva: l-ugwaljanza bejn ix-xogħol magħmul u l-paga, u dan fuq il-bażi tal-prezz fis-suq. Ir-*Rerum Novarum* (1892), imbagħad, għamlet pass 'il quddiem, u bdiet tara fix-xogħol mhux sempliċiment propjetà tal-ħaddiem li 'jpartatha' għall-paga, imma fuq kollox l-uniku mezz li għandu l-ħaddiem biex isostni

[10] Ara BERNARD HÄRING, 461.

l-ħajja tiegħu.[11] Piu XI fil- *Quatrogesimo Anno* fl-1931 kif ukoll Ġwanni Pawlu II f *Laborem Exercens* 1981, żied jgħid li l-paga minima m'għandhiex tkun biżżejjed għall-ħaddiem biss, imma wkoll għall-familja tiegħu.[12]

Ljun XIII jgħid ukoll li l-ftiehim (kuntratt) bejn min iħaddem u l-ħaddiem dwar l-ammont tal-ħlas li għandu jirċievi l-ħaddiem għal xogħlu mhux biżżejjed biex il-paga miftiehma titqies bħala paga ġusta, għaliex paga ġusta ma tistax tkun anqas mil-ħtieġa għall-ħajja tal-ħaddiem. Ir-raġuni għal dan hija l-ġustizzja naturali li tiġi qabel u hija 'il fuq mil-libertà ta' dawk li jidħlu fil-kuntratt.[13]

### i. *Il-ġustizzja kommutattiva u l-paga ġusta*

Kif isostni Bernard Häring, il-prinċipju bażiku tal-paga ġusta jibqa' l-ġustizzja kommutattiva (*quid pro quo*) – min iħaddem irid jagħti lill-ħaddiem l-ekwivalenti għax-xogħol li jagħmel. Għaldaqstant, min iħaddem ma jistax jagħmel qliegħ minn fuq xogħol ħaddieħor, imma biss minn xogħol jew minn fatturi oħra li hu jkun wettaq jew li huwa responsabbli tagħhom (eżempju, il-makkinarju mixtri). Minkejja li mal-fattur tal-ġustizzja kommutattiva, jidħlu fatturi oħrajn li jiddeterminaw jekk paga hix ġusta jew le; il-ġustizzja kommutattiva hija fil-bażi ta' kull kuntratt dwar il-paga u għalhekk kull ksur ta' dan il-kuntratt irid jiġi rikumpensat. Dan jgħodd ukoll għal ħaddiem li, taħt il-pressjoni taċ-ċirkustanzi, iffirma kuntratt b'paga li mhix ġusta.

Il-paga minima li tindika l-liġi, mhix bilfors waħda ġusta f'kull sitwazzjoni. Il-ġustizzja kommutattiva titlob paga kompensattiva. Jekk ix-xogħol jitjieb, il-paga trid togħla.[14]

### ii. *Il-ġustizzja soċjali u l-paga ġusta*

Waqt li l-ġustizzja kommutattiva tista' tgħin fid-deċiżjoni dwar kemm ħaqqu jiġi mħallas xogħol magħmul minn ħaddiema fl-istess settur, din mhix biżżejjed biex wieħed jagħmel dan il-kalkolu dwar il-ħlas li għadnu jirċievi s-sid tal-kapital, l-intraprenditur, u l-ħaddiem intelletwali. Għalhekk irridu nitkellmu wkoll mill-ġustizzja soċjali, li titlob li l-kapital jiġi mogħti sehem mill-qliegħ li jikkorrispondi mal-kontribuzzjoni tiegħu. Madanakollu, makkinarju m'għandu qatt jieħu prijorità fuq il-paga li għandu jirċievi l-ħaddiem u l-familja tiegħu.

Il-prinċipju tal-ġustizzja soċjali huwa dan: mhux ġust li grupp wieħed minn dawk li qed jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika (jew f'industrija partikulari) jieħu għalih il-biċċa l-kbira tal-frott tal-intrapriża, waqt li l-gruppi l-oħra li qed

---

[11] Ara GUIDO GATTI, *Morale Cristiana e Realtà Economica*, Torino 1981, 90.

[12] PIU XII, Ittra Enċiklika *Quadragesimo Anno* (1931), 71 : http://www.vatican.va: "Every effort must therefore be made that fathers of families receive a wage large enough to meet ordinary family needs adequately." ĠWANNI PAWLU II, Ittra Enċiklika *Laborem Exercens* (1981), 19 : http://www.vatican.va: "Just remuneration for the work of an adult who is responsible for a family means remuneration which will suffice for establishing and properly maintaining a family and for providing security for its future."

[13] Ara GUIDO GATTI, 90. Ara wkoll PONTIFICAL COUNCIL FOR JUSTICE AND PEACE, *Compendium of the Social Doctrine of the Church*, London – New York 2004, 156.

[14] Ara BERNARD HÄRING, 463.

jikkollaboraw fl-istess prodott ma jirċevux dak li hu meħtieġ għal ħajja xierqa ta' bnedmin. B'din ir-remunerazzjoni suffiċċjenti għal ħajja umana xierqa nifhmu li l-ħaddiem jirċievi l-mezzi kollha biex hu u dawk li jiddependu minnu jkunu jistgħu jgħixu kif jixraq il-ħajja materjali, soċjali, kulturali u spiritwali tagħhom.[15] Barra minn dan, il-familja ta' ħaddiem għandu jkollha l-possibiltà li tfaddal parti mill-paga li tirċievi.

Jista' jiġri li fi żmien partikulari, l-ekonomija kollha, jew industrija partikulari, tkun għaddejja minn kriżi li ma tħallix possibiltà li min iħaddem iħallas il-'paga tal-familja' (paga ġusta) sħiħa lil kull ħaddiem. F'każ bħal dan, ikunu jmorru kontra l-ġustizza dawk il-ħaddiema li jinsistu, b'mod jew b'ieħor, li jieħdu aktar milli qed jirċievu għal xogħolhom, ladarba dan ikun qed ipoġġi f'periklu l-industrija nnifisha, jew l-iżvilupp tal-ekonomija inġenerali.[16]

[15] Ara KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965), 67.
[16] Ara BERNARD HÄRING, 464-466.

# Konklużjoni

Wara li rajna dan kollu, u meta nerġgħu nħarsu lejn il-każ tagħna, malajr nintebħu li, biex wieħed jiġġudika l-għemil ta' Ġużeppi, irid jikkunsidra diversi fatturi.

L-ewwel u qabel kollox, bejn Ġużeppi u l-kuntrattur li qed iħaddmu hemm kuntratt tax-xogħol li jindika l-paga minima. Dan ifisser li quddiem il-liġi ċivili, il-kuntrattur qed jonora l-kuntratt. Madanakollu, ma jfissirx li huwa qed jonora l-ġustizzja kommutattiva. Li kieku qed jagħmel hekk, taħt ċirkustanzi normali, il-paga kienet tiżdied kemm minħabba l-bżulija tal-ħaddiem fix-xogħol, kif ukoll minħabba l-esperjenza li kiseb u li allura tippermettilu li jagħmel xogħlu aħjar.

Barra minn hekk, il-fatt li biex Ġużeppi jsostni lill-familja qed ikollu jaħdem xogħol ieħor *part-time*, juri li l-paga minima li qed jirċievi mingħand il-kuntrattur mhux qed tkun biżżejjed għal ħajja xierqa tiegħu u ta' dawk li jiddependu minnu – fi kliem ieħor mhijiex 'paga tal-familja'.

Madanakollu, meta niġu biex niġġudikaw jekk Ġużeppi hux intitulat li jirrikorri għall-kompensazzjoni okkulta jew le, irridu nikkunsidraw jekk il-kundizzjonijiet li semmejna humiex imħarsa. Fost l-oħrajn, irridu nistaqsu jekk hix possibbli għall-ħaddiem li jasal li jieħu remunerazzjoni ġusta b'modi oħra, ngħidu aħna, billi jitlob lil min iħaddmu biex jagħmlu ftiehim ġdid dwar il-paga. Jekk hija possibbli, din għandha tkun it-triq ordinarja biex huwa jakkwista ħlas ġust. Barra dan il-fattur, wieħed irid jara jekk, fiċ-ċirkustanzi partikulari, il-kompensazzjoni okkulta hux qed tkun ta' ħsara għall-kumpanija tal-kuntrattur; kif ukoll jekk hux qed tkun ta' skandlu għall-ħaddiema l-oħra, jew ta' periklu għall-kondotta tiegħu stess.

# Biblijografija

CHIAVACCI Enrico, *Teologia Morale*, III(1)/Teologia morale e vita economica, Assisi $^{2}$1985.

GATTI Guido, *Morale Cristiana e Realtà Economica*, Torino 1981.

ĠWANNI PAWLU II, Ittra Enċiklika *Laborem Exercens* (1981) : http://www.vatican.va

HÄRING Bernard, *The Law of Christ*, III/Special moral theology, Cork 1963.

KONĊILJU VATIKAN II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965).

PESCHKE Karl H., *Christian Ethics. Moral Theology in the Light of Vatican II*, II/Special Moral Theology, Bangalore $^{4}$2004.

PIU XII, Ittra Enċiklika *Quadragesimo Anno* (1931) : http://www.vatican.va